MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 852/1994/1

**George Spiteri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` kummercjali ‘Spiteri Tiles Limited’**

**v.**

**Peter Paul Testaferrata Moroni Viani**

**Il-Qorti:**
Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici li tghid hekk:

“Premess illi l-attur forna lill-konvenut materjal konsistenti f’irham u madum;

“Premess illi inoltre din il-fornitura l-attur nomine rrenda servizzi, konsistenti fi tqeghid ta’ parti ta’ dan il-materjal u dan dejjem a beneficcju tal-konvenut;

“Premess illi din il-fornitura flimkien mas-servizzi ta’ tqeghid, jammontaw ghas-somma ta’ tlett elef, sitt mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu u zewg millezmi, (Lm3,623. 51,2) liema somma allura llum hija dovuta mill-konvenut lill-attur nomine;
“Premess illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut;

“Premess illi l-konvenut nomine nterpellat biex ihallas baqa’ indampjenti fil-hlas;

“Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

“1. taqta’ u tiddeciedi l-kawza bid-dispenza tas-smigh ai termini tal-Artikoli 169-171 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

“2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta’ Lm3,623. 51,2 bl-imghaxijiet skond il-ligi u cioe` minn meta din s-somma kienet dovuta kummercjalment;

“Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 5 ta’ Mejju, 1994, u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni. ”

Rat li b’digriet tat-13 ta’ Gunju, 1994, l-allura Qorti tal-Kummerc, wara li qieset li l-konvenut kellu eccezzjonijiet validi xi jressaq, tat il-fakolta` lill-kovenut jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kovenut li in forza taghha eccepixxa illi;

“1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra

l-attur nomine stante li minkejja l-hlas in akkont mill-konvenut ta' elf lira (Lm1,000), ix-xoghol ta' tqeghid ta' irham u madum li l-attur obbliga ruhu li jaghmel, baqa' inkomplet sallum; dan l-istess xoghol ta' tqeghid ma sarx skond is-sengha u l-arti; u parti mill-irham u mill-madum giet iddanneggata mill-attur nomine waqt it-tqeghid taghha;

"2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz mill-attur nomine mhuwiex dovut mill-konvenut peress li ma jirriflettix il-prezz stipulat u lanqas jirrifletti l-kwantita`/kejl ezatti tal-materjal fornut;

"3. Illi fl-ammont pretiz minnu l-attur nomine qed jinkludi interessi b'rata li tmur oltre dik permessa mil-ligi u li ghalhekk hija invalida kwantu ghall-eccess taghha;

"4. Illi fi kwalunkwe kaz l-ammont pretiz mill-attur nomine huwa esagerat u l-imghaxijiet ma jistghux jibdew jiddekorru hlief jekk ix-xoghol ta' tqeghid ta' irham u madum jigi kompletat mill-attur nomine kif miftiehem; il-materjal iddanneggat mill-istess attur nomine jigi sostitwit; u x-xoghol ta' tqeghid isir mill-gdid kull fejn ma sarx skond is-sengha u l-arti;

"5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;"

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Ottubru, 2006, li in forza taghha ddikjarat l-azzjoni tal-attur nomine intempestiva u konsegwentement astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet;

"L-attur nomine qieghed jippretendi minghand il-konvenut hlas tas-somma ta' Lm3,623. 51,2 ghal fornitura ta' rham u madum u tqeghid ta' parti mill-imsemmi materjal. Il-konvenut jghid illi t-tqeghid baqa' inkomplet, li ma sarx skond is-sengha u l-arti u li parti mill-irham u madum imqieghed gie danneggjat waqt it-tqeghid.

“Il-konvenut xehed illi kien mar ghand l-attur il-fabbrika tieghu ma’ certu Louis Gauci rigward tqeghid ta’ rham. L-attur kien iccitalu l-prezzijiet permezz ta’ *fax* datat l-4 ta’ Frar 1993 (Dok. GS3). It-travertin biss kien minghajr tqeghid peress illi kien se jqeghdulu l-imsemmi Louis Gauci. Qal li l-attur stess qallu li kien ser jipprovdilu lil xi hadd biex iqieghdlu t-tarag tar-ragg bil-perlatin ghax, skond hu, Louis Gauci ma kienx kompetenti jqieghdu. Meta gew biex ipoggu t-travertin, l-attur kien qabbad lil Louis Gauci fuq xoghol ta’ haddiehor u pprovdielu *layer* iehor li thallas mill-konvenut meta l-attur qallu biex ihallsu. It-travertin kollu ta’ barra qieghduh Joseph Farrugia u certu Spiteri Sacco filwaqt li Louis Gauci ghamel xi sollijiet ta’ l-irham perlatin fuq gewwa u hallsu l-attur. Il-konvenut qal li kien kellem lill-attur diversi drabi waqt ix-xoghlijiet fuq problemi li kienu jinqalghu fuq il-post u l-attur dejjem iweghdu li ser jirranga x-xoghol. Gew irrangati xi lmenti li kellu b’mod hazin.

“Fix-xhieda tieghu tal-25 ta’ Gunju 1997 quddiem il-perit tekniku l-A. I. C. Alan Saliba, l-attur nomine qal li n-nies li qieghdu l-madum hallashom hu, li n-nies li qieghdu l-irham fuq gewwa, minbarra r-ragg, thallsu mill-konvenut hlief ghal certu Duminku Debono li ghamel dan it-tarag tar-ragg u hallsu hu. In-nies li thallsu mill-konvenut kienu Godwin Spiteri Sacco u Joseph Farrugia.

“Mario Seychell xehed illi hu kien intbaghat mill-attur iqieghed il-madum fil-villa tal-konvenut. Ma kienx impjegat ma’ l-attur izda kien itih ix-xoghol. Thallas mill-attur, ghalkemm baqa’ xi bilanc ta’ Lm150.

“Joseph Farrugia xehed illi l-attur kien qabbdu sabiex iqieghed l-irham fil-villa tal-konvenut. Thallas mill-konvenut.

“Duminku Debono xehed illi kien hadem ghand il-konvenut wara li tqabbad mill-attur u thallas mill-attur.

“Fir-relazzjoni tieghu l-perit tekniku jelenka bosta difetti kemm fix-xoghol li sar kif ukoll fil-materjal. Pero` jghid illi, kwantu ghat-tqeghid tat-travertin, il-*layers* huma

resposnabbli u mhux l-attur ghax il-*layers* gew irrikkmandati mill-attur u thallsu mill-konvenut. Din il-Qorti ma taqbilx peress illi Joseph Farrugia kien car meta xehed u qal li tqabbad mill-attur. Il-fatt li thallas direttament minghand il-konvenut huwa fattur sekondarju. Gialadarba dan Joseph Farrugia "tqabbad" mill-attur, ma jistax l-attur issa jippretendi li, minhabba xoghol difettuz li dan seta' ghamel, allura jista' jezimi ruhu mir-responsabbilta`.

"Id-difetti osservati mill-perit tekniku li jehtiegu xoghol rimedjali huma s-segwenti:

"1. Hames skaluni fit-tarag li jaghti ghall-bejt b'hames skaluni li jaqilbu bil-kontra (para. E. 1).

"2. Bicca rhama fl-*iskirting* li hija maqsuma u li trid tinbidel (para. F. 2).

"3. Madum li jehtieg tindif tal-halib sabiex jerga' jigi mhalleb u qlugh u twahhil mill-gdid ta' madum fejn il-lejn tal-halib hija hoxna hafna (para. G. 1).

4. Madum xpakkat li jrid jinqala' u jitqieghed madum gdid ta' l-istess ghamla u kulur minfloku (para. G. 2).

"5. Xoghol sabiex tigi eliminata il-problema ta' nuqqas ta' qlib tajjeb (para. G. 3).

"Dan kollu apparti xi rham li fih ftit pedati li jtaptpu u li l-perit tekniku deherlu li mhux vijabbli li jinqala' u ghalhekk illikwida kumpens favur il-konvenut ta' Lm23. 40.

"Issa, kif pacifikament akkolt f'bosta sentenzi, jekk jirrizulta li x-xoghol ma jkunx kompletat u sewwa, l-appaltatur ma jkollux dritt ghall-ebda parti mill-hlas jekk id-difetti rizultanti jaffettwaw il-kwazi generalita` tax-xoghol intrapriz mill-attur (ara per ezempju **Carmelo Mallia vs Ivan John Fonk**, Appell Civili, 24 ta' Jannar 1975) u l-konvenut ikollu dritt, f'sitwazzjoni simili, jopponi l-*exceptio non rite adempleti contractus* ghad-domanda li ssirlu ghall-hlas (ara per ezempju **Francis Spiteri noe vs Emmanuele Cassar**, Appell Civili, 14 ta' Marzu 1975).

"Fil-kaz odjern, il-perit tekniku indika li d-difetti hawn fuq imsemmija kienu rizultat ta' nuqqas ta' sengha u arti u huma difetti li jidhru li huma, salv forsi ghal dak indikat fin-numru 2, sostanzjali. Ghalhekk l-attur nomine ma jistax jippretendi hlas tas-somma kif likwidata mill-perit tekniku qabel ma jirrimedja d-difetti suelenkati skond kif deskritt fir-relazzjoni peritali sabiex b'hekk jikkompleta x-xoghlijiet kollha skond is-sengha u l-arti. "

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur nomine li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li dina l-Qorti joghobha;

"1) tibdel is-sentenza appellata, billi tirrevoka u thassar l-istess sentenza, 2) tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u 3) tilqa' t-talbiet attrici taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet opportuni skond il-kaz.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluzi dawk ta' dan l-appell. "

Rat ir-risposta tal-appell tal-kovenut appellat li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li l-appell tas-socjeta` attrici jigi michud u s-sentenza tal-ewwel Qorti konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza s-socjeta` attrici qed titlob hlas tal-bilanc tal-prezz dovut ghax-xoghlijiet li wettqet fil-fond tal-kovenut fuq inkarigu tal-istess. L-ammont ta' xoghol imwettaq gie stmat li jiswa Lm4,049, u peress li mall-inkarigu s-socjeta` attrici inghatat depozitu ta' Lm1,000, il-bilanc dovut jammonta ghal Lm3,049, u mhux Lm3,623 kif talbet is-socjeta` attrici. Apparti l-kwistjoni tal-*quantum*, il-

konvenut eccepixxa li lanqas din is-somma ma hi dovuta peress li l-appalt kien ghadu mhux kompletat, fid-dawl tax-xoghol hazin u difettuz li wettqet is-socjeta` attrici.

L-ewwel Qorti hatret perit tekniku biex jezamina x-xoghol li sar, u sab li hafna mix-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha, u kien difettuz; il-perit tekniku stima li x-xoghol hazin sar in konnessjoni ma' xoghlijiet li ghandhom valur ta' Lm2,582 (ara fol. 106). L-ewwel Qorti, fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi, ikkonludiet li d-difetti jaffettwaw il-kwazi generalita` tax-xoghol intrapriz mill-attur nomine u, kwindi, it-talba tas-socjeta` attrici ghall-hlas kienet wahda intempestiva.

Is-socjeta` attrici appellat bl-aggravju jkun li x-xoghol minnha mwettaq kien, fil-fatt, maghmul skond l-arti u s-sengha hlief ghal difetti zghar li ghalihom hi mhux responsabbli (peress li hi wettqet xoghol fuq bazi li hejja kuntrattur iehor) u li, f'kull kaz, ma jrendux it-talba taghha intempestiva.

Fil-kuntest tal-ewwel aggravju, is-socjeta` attrici qed tirreferi, partikolarment, ghall-fatt li lill-perit tekniku rrizulta li l-qlib tal-madum fuq barra sar hazin; fil-fatt irrizultalu qlib ta' 1:144, meta il-qlib minimu li kellu jigi applikat huwa ta' 1:80. Is-socjeta` attrici tissottometti li dan ma garax tort taghha ghax il-bazi fejn kellu jitpogga l-madum ma sarx minnha, izda minn terzi.

Ghalkemm dan jista' jkun li hu minnu, l-argument legali li tressaq mis-socjeta` attrici biex tipprova tehles mir-responsabbilta` ma jregix. Dana peress illi huwa principju li kuntrattur li jkun se jaghmel xoghol fuq haddiehor ghandu xorta obbligu li jaghti servizz tajjeb u rizultat utili, u jekk jara li ma jistax jaghti dan r-rizultat minhabba x-xoghol precedenti li jkun sar, ghandu jirrifjuta l-inkarigu. Din il-Qorti fil-kawza "<u>Direttur Generali tax-Xoghlijiet Pubblici v. Azzopardi</u>", deciza fid-19 ta' Gunju, 2006, elenkat il-principji li japplikaw f'kaz ta' appalt, fosthom,

- "L-appaltatur ghandu f'kull kaz jezegwixxi l-inkarigu moghti lilu skond is-sengha u l-arti. Ghandu l-

obbligu li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti "*L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria*" (**Kollez Vol XXVII pl p373)**. Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" (**Kollez Vol XL pl p485)**.

- "L-appaltatur ghandu jirrifjuta li jaghmel ix-xoghol fejn ikun jaf li r-rizultat ahhari, ghal kwalunkwe raguni, mhux ser ikun sodisfacenti. Fin-nuqqas ikun responsabbli ghad-danni: "*L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina*" (**Kollez Vol XXXVII plll p883)**. Ghax kif jinsab ritenut ukoll "*f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu 'l quddiem*" (**Mario Blackman v. Carmelo Farrugia et noe**, Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972). "

L-obbligu impost fuq il-kuntrattur skond dawn ir-regoli huwa li kellu qabel xejn jivverifika jekk il-bazi realizzata minn terzi, u li fuqha kellu jqieghed il-madum, kienetx soda u taqleb bizejjed biex isservi bhala sfog adegwat ghall-ilma tax-xita, jiddenunzja kull difett li jiskopri u, f'kaz ta' vizzji hekk skoperti, jastjeni milli jaghti ezekuzzjoni ghall-appalt moghti lilu. Fi kliem iehor, ghar-realizzar ta' opra, teknikament idonea u ghas-sodisfazzjon tal-kommittent, hu kellu d-dover li qabel xejn jikkontrolla u jrendi ruhu edott minn xi karenzi fl-istruttura tal-bazi. Jekk jonqos milli jaghmel din il-verifika jew, nonostante li jkun irriskontra nuqqas fil-bazi, huwa xorta wahda jibqa' ghaddej bix-xoghol, hu jkun responabbli ghan-nuqqasijiet kollha li jirrizultaw.

Dwar in-natura tan-nuqqasijiet il-principji li jirregolaw il-materja gew ben delineati fil-kawza "<u>Darmanin v. Agius</u>", deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru, 2004, fejn gew precizati l-konsiderazzjonijiet segwenti:

"1. Jinsab deciz li "jekk l-appaltant jallega li l-appaltatur minnu mqabbad jesegwixxi x-xoghol hazin u fil-fatt ix-

xoghol ikun fih xi difetti, ma hux bizejjed biex il-Qorti tiddikjara l-appaltatur responsabbli ghad-danni; ghax jekk id-difetti huma tali li fil-fehma tal-Qorti, u a sodisfazzjoni taghha, ma jaghtux lok ghad-danni, id-deklaratorja tar-responsabbilta` ghad-danni ma hiex ammissibli.  U dan aktar u aktar jekk jittrapela li d-difetti riskontrati huma tant insinjifikanti u riparabbli malajr… …" (Kollez. Vol.  XLII pII pagna 699).

"2.  Issokta jigi ritenut illi jekk id-difetti ma jkunux essenzjali jew sostanzjali l-appaltant ma ghandux dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt izda biss li dawk id-difetti jigu riparati (Kollez. Vol XXX pIII p433), jew l-appaltatur jaccetta riduzzjoni fil-prezz ("John Bonnici pro et nomine v.  Anthony Sammut", Appell Kummercjali 22 ta' Gunju, 1994);

"3.  *A contrario sensu* meta d-difetti, kif hekk jirrizulta f'dan il-kaz, huma ta' natura sostanzjali l-appaltatur mhux biss ghandu jitqies inadempjenti imma wkoll li ma jkollux dritt li jippretendi li jirrimedja ghad-difetti fl-ezekuzzjoni tax-xoghol" - ("Victor Tabone v. Felix Mifsud"  Prim Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru, 1994)."

Issa, meta fil-kaz, ghandek xoghol hazin f'xoghol ta' valur ta' Lm2582 f'appalt li jiswa Lm4049, ma jistax jinghad li d-difetti ma humiex "essenzjali jew sostanzjali".  Fuq aktar min-nofs tal-valur tal-appalt is-socjeta` attrici ma pprestatx opra skond l-arti u s-sengha, u allura l-konvenut ma ghandux ikun imgieghel li jhallas ghax-xoghol li ma sarx kif riedu hu u li sar hazin.  Ghalhekk it-talba tas-socjeta` attrici, f'dan l-istadju, ma tistax tintlaqa', peress li ghadha ma "ikkompletatx" ix-xoghol kollu skond is-sengha u l-arti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` attrici billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------